MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 339/2009

**Koperattiva Tabelli u Sinjali**

**vs**

**Tal-General Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-11 ta’ Settembru, tas-sena 2009 li permezz tieghu l-Koperattiva rikorrenti sejhet lis-socjeta` ntimata fuq indikati, quddiem din il-qorti sabiex tghidu ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-Koperattiva rikorrenti s-somma kumplessiva ta’ disat elef, tlett mija u sitta u sebghin ewro u hamsin centezmu, (€9,376.50), rapprezentanti servizzi minnha mitluba u lilha rezi flimkien ma’ imghaxijiet ulterjuri

dekorribbli bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali numru 2573/2009 u bl-imghax bit-tmienja fil-mija, (8%), skont l-Avviz Legali bin-numru 233 tas-sena 2005 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` ntimata li minn issa hija ngunta sabiex tixhed u ghas-subizzjoni;

Rat il-verbal datata l-10 ta' Novembru tas-sena 2009 li permezz tieghu l-partijiet infurmaw lill-qorti li lahqu transazzjoni rigward il-meritu tal-kawza u li kien ghad baqa' biss divergenza rigward l-ispejjez;

Rat il-verbal tas-socjeta` ntimata datat it-2 ta' Frar tas-sena 2010 li permezz tieghu l-qorti giet infurmata li l-ammont pretiz gie depozitat il-qorti;

Rat il-verbal tar-rapprezentanti tal-Koperattiva rikorrenti datat il-11 ta' Mejju tas-sena 2010 li permezz tieghu infurmat lill-qorti li l-ammont meritu tal-procedura odjerna kien gie effettivament imhallas kif mitlub fir-rikors promotur;

Illi l-partijiet baqghu ma lahqux ftehim fuq l-ispejjez involuti;

Illi rat il-verbal tar-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata datat l-1 ta' Frar tas-sena 2011 li permezz tieghu ammetta l-kap tal-ispejjez;

Illi in vista tal-premess, filwaqt li minhabba l-pagament tal-ammont meritu tal-kawza de quo mis-socjeta` intimata, lill-Koperattiva rikorrenti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba;

Illi rigward il-kap tal-ispejjez, stante l-ammissjoni tas-socjeta` ntimata fir-rigward, tiddikjara li qed tikkundanna lis-socjeta` ntimata Tal-General Company Limited bies thallas l-ispejjez tal-kawza odjerna kif mitluba fir-rikors promotur.

Marisa Borg
Dep./Reg

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------